MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tal-25 ta' Gunju, 2008

Citazzjoni Numru. 51/2008

Kawza fil-lista: 44

**AB**
**vs**
**CD**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat li permezz tieghu l-attur ippremetta u talab hekk:

1. Illi l-esponent izzewweg lill-konvenuta martu fl-1967. Il-hajja mizzewga bejniethom m' ghadhiex iktar possibli minhabba eccessi da parti tal-konvenuta fil-konfront ta' l-esponent, kif ukoll minhabba inkompatibilita' ta' karattru, b' mod illi z-zwieg taghhom jinsab imfarrak irrimedjabilment.

2. Illi l-esponent jinsab awtorizzat sabiex jipprocedi ghas-separazzjoni personali minn martu in forza ta' digriet moghti mill-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) fis-7 ta' Dicembru, 2007.

Tghid ghalhekk il-konvenuta ghaliex m' ghandhiex din l-Onorabbli Qorti:

1. Tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti konjugi Bonnici minhabba eccessi da parti tal-konvenuta fil-konfront ta' l-esponent, kif ukoll billi minhabba inkompatibilita' ta' karattru z-zwieg taghhom jinsab imfarrak irrimedjabilment;

2. Tittermina l-komunjoni ta' l-akkwisti ezistenti bejn il-konjugi Bonnici.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuta ngunta in subizzjoni.

Rat li l-konvenuta debitament notifikata ghazlet li tibqa' kontumaci;

Rat l-atti kollha tal-kawza, inkluzi l-affidavit prezentat;

Ikkunsidrat;

Illi permezz ta' l-azzjoni odjerna l-attur qed jitlob minn din il-Qorti s-separazzjoni personali minn ma' martu l-konvenuta ghar-raguniijet kontemplati fl-artikolu 40 tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta; kif ukoll sabiex din il-Qorti tirregola l-effetti konsegwenzjali.

Illi l-partijiet kienu zzewwgu fis-sena 1967 u minn dan iz-zwieg kellhom tifla li llum hija maggjorenni.

Illi mill-provi jirrizulta nkontraddett li l-konvenut kienet hatja fil-konfront ta' zewgha ta' eccessi, u li z-zwieg taghhom tkisser irrimidjabbilment, anke tenut kont tal-inkompatibbilita' ta' karattru da parti taz-zewg partijiet; u li l-konvivenza matrimonjali saret impossibbli.

Dan premess u kkunsidrat il-Qorti hija tal-fehema li t-talbiet ta' l-attur huma gustifikati fil-fatt u fid-dritt u jimmeritaw li jigu milqugha.

Ghal dawn il-motivi tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet ta' l-attur u tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-partijiet, ghar-ragunijiet fuq indikati; u tordna x-xoljiment tal-komunjoni ta' l-akkwisti bejn il-partijiet.

L-ispejjez ikunu a kariku tal-konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------